**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 37 – IT-TNEJN 23 TA' NOVEMBRU 2009**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri għadu indispost u ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru sitta u tletin (36) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn l-10 ta' Novembru u t-23 ta' Novembru 2009.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2866/09. Stedina miftuħa minn Ċentru fil-Birgu għal żjara kulturali ta' din il-Belt.

2.3. Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 20/11/35. L-ADT talbet il-kummenti tal-Kunsill Lokali fuq "shifting" ta' Zebra- Crossing' li hemm quddiem stores fi Triq Dun Karm Service Road.

2.4. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2904/09. Il-Kunsill Lokali ordna mingħand il-Koperattiva Tabelli u Sinjali żewġ tabelli "ta' direzzjoni" għal l-Knisja tal-Iklin.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn 10 ta' Novembru U t-23 ta' Novembru 2009, kif tidher annesa bħala document C.

3.2 Rigward ilment Nru.11/11/01 dwar klieb li joħorġu mil l-egħlieqi ta' Triq Ġuże Galea u jagħmlu ħerba mil-boroz tal-iskart. Il-Kunsill konxju minn din il-problema u sejjer jerġa jkellem lis-Supretendent tal-Għassa biex jieħu passi.

3.3 Rigward ilment Nru. 16/11/01 minħabba li nies jipparkjaw viċin tal-garaxx tiegħu jew fil-kaxxa ta' quddiem il-garaxx. Dan għandu l-mezzi biex titneħħa l-vettura billi jċempel l-Għassa.

3.4 Rigward ilment 17/11/01 dwar qtates li jingħataw ikel u jħammġu kullimkien fi Triq Giovanni Curmi. Il-Kunsill sejjer jara x'jista' jagħmel.

3.5 Rigward ilment 18/11/01 u 20/11/01 dwar klieb li jagħmlu għan-nies u l-ħin kollu jinbħu; dawn joħorġu mir-razzett li hemm fi Triq il-Wied. Il-Kunsill sejjer jerġa jitlob laqgħa mas-Surpretendent tad-distrett biex jieħu passi.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

**5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.**

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 2687/07. Tibdil ġewwa u barra fix-Showroom eżistenti u l-bini ta' fuqu. Bini ta' lift, tibdil tal-ġeneru minn residenzjali għal-Showroom, żieda ta' sular u uffiċċju fuq livell ta' penthouse. Keramit Bathroom Centre, Triq Ċitru kantuniera ma' Triq Dun Karm. Kien hemm rikomandazzjoni biex id-deċiżjoni oriġinali tinbidel.

5.3 Dwar PA00912/09 "Change of use' garaxx A għall-Hanut lokali u garaxx B bħala 'storage' skond il-permess anness biex isir ħanut klassi 4, bini ta' basement, store u tabella ġo Garages A u B Triq Ċitru. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.4 Dwar PA 5549/08. Sit fi Triq Prinjol. Bini ta' żewġ bungalows. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.5 Dwar PA 03054/09. "Change of use" minn bitħa għal garaxx biex jifforma parti minn garaxx ieħor eżistenti li hu parti mid-dar ġo 27, Triq Ġużè Ellul Mercer. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.6 Dwar PA 2618/09. "Change of use" minn *living-room* għall-garaxx ġo La Mirage, 38, Triq Ġużè Ellul Mercer. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.7 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 4652/09. Biex jiġi approvata bini ta' garaxx ġo 26, Triq Pietru Pawl Saydon.
PA 4514/09. Approvazzjoni ta' dar kif imbniet. Faraġ, 72, Triq Stefano Erardi.

5.8 Il-Konsulent tekniku tagħna talab biex nagħmlu oġġezzjoni fuq din l-applikazzjoni :
PA 0912/09. Garages A & B, Triq iċ-Ċitru. Għal "Change of use" minn garaxxijiet għal ħwienet.

**6. IMPJIEG TA' ĦADDIEM KLERIKALI.**

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li wara li saru l-intervisti mall-applikanti għal dan il-post, intgħażlet persuna li barra li kellha r-rekwiżiti neċessarji, aċċettat l-ħinijiet tax-xogħol kif talab il-Kunsill.

6.2 Is-Segretarju 'mbagħad ta rendikont tal-andament tal-intervista. Hu qal li mil-lista ta' 118 ismiijiet li bgħatet l-E.T.C. il-Kunsill irċeva 14 il-applikazzjoni. Minn dawn ġew magħżula 7 għal-intervista.
Fost dawn kien hemm 3 nisa miżżewwġa li m'aċċettawx il-ħinijiet mitluba, student ma setgħax jigi fil-ħinijet mitluba. Tnejn ma kienux kif xtaq il-Kunsill, iżda mara miżżewwġa aċċettat l-ħinijiet mitluba u ġiet inaġġata.

6.3 Il-Kunsill kollu qabel ma' din il-proposta u approva li din il-persuna tibda taħdem mal-Kunsill minnufih.

## 7. ĊERTIFIKAZZJONI TA'OĠĠETTI TAL-ELETTRIKU FL-UFFIĊĊJU.

7.1 Is-Sur Dalli qal lil-Kunsill irċieva proposta mingħand kumpanija fejn oġġetti tal-elettriku jiġi ċċertifkati jekk humiex 'safe". Dan jgħidulu l-"Pat Test". Dan it-test qed isir mal-Ewropa kollha, u f'Malta daħal sew.

7.2 Għaldaqstant is-Sindku talab l-approvazzjoni ta' kulħadd biex nimxu fuq dan it-Test. Dan ġie ikkonfermat minn kulħadd u għaldaqstant is-Segretarju l-ewwel sejjer iġib kwotazzjoni fuq l-oġġetti kollha li hemm kemm fl-uffiċċju kif ukoll fis-Sala tal-Kunsill u l-kamra li għandu fi Triq Ġuże Ellul Mercer.

## 8. ATTIVITAJIET TAL-MILIED.

8.1 Is-Sur Dalli 'mbagħad għadda biex semma l-attivitajiet kollha li sejrin isiru waqt il-festi tal-Milied.

a. Il-Bibita issir it-Tnejn 28 ta' Diċembru.
b. L-Ikla tal-Kunsill issir il-Ħadd 20 ta' Diċembru.
c. Il-Film għat-tfal isir fit-28 jew 29 ta' Diċembru.
d. Ħarġa għall-Anzjani fil-għaxija nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru .
e. Presepju. Is-Sur Dalli kien qed jipproponi li ssir attivita' fil-bitħa tal-Knisja wara li jikkonsulta mal-Kappillan Dun Karm Aquilina. Fit-22 ta' Diċembru issir attivita' tal-Kunsill b'forma ta' kant tal-Milied, ħelu u xorb tradizzjonali, tiżjin tal-Milied u annimali ħajjin żgħar; u fit-23 issir bil-parteċipazzjoni tat-tfal dak in-nhar tal-proċessjoni fejn wara jingħatalhom xi ħelu u xorb. Hu maħsub li ġenituri iġibu r-rigali għat-tfal tagħhom biex jingħataw dakinhar.

f. Is-Sindku Dalli staqsa jekk hux kulħadd kien qed jaqbel fuq dawn l-attivitajiet. Kulħadd approva unanimament.

## 9. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

9.1 Is-Sur Dalli l-ewwel semma li kien wasal iż-żmien biex ngħaddu għat-tieni fazi ta' 're-surfacing' ta' tarmac skond il-pjan miftiehem mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali; kien sejjer jingħata t-tarmac fi Triq Geronimo Abos f'dik il-parti ta' bejn l- Iscan sal-Pelican Lights aktar l-isfel. Il-Kunsill diġa kellu stima li kient tlaħħaq madwar €19,000.

9.2 Il-Kunsill approva li nipproċedu.

9.3 Is-Sindku kien qed jipproponi miżuri ta' Traffic Management ġodda wara li kellmuh diversi residenti fuq problemi tat-traffiku li għandhom ġot-toroq tagħhom.

9.4 Hu qal li hemm bżonn isir 'survey 'ġdid' biex naraw kemm jidħlu w joħorġu vetturi mill-Iklin.
Hu kien qed jipproponi surveys f'dawn it-toroq:
"Gate" fid-dħul Triq Erin Serracino Inglott kuljum għal ġimgħa
sħiħa.
"Gate" fil- ħruġ minn Triq Ġużè Galea.
"Gate" oħra issir fi Triq Geronimo Abos kantuniera ma' Triq Ġużè Galea.
"Gate" Triq Geronimo Abos fil-parti t'isfel.
"Gate" oħra issir fi Triq Alfons Maria Galea fil-ħruġ kantuniera ma' Triq Ċensu Busuttil.

Huwa propost ukoll li tingħalaq Triq Ġużè Pesci bejn is 16.00pm sal-19.00pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa.
Tingħalaq ukoll Triq Alfons Maria Galea mis-7.00am sal-9.00am mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

Dawn għadhom proposti biss għaliex l-ewwel iridu jiġu ikkonsultati r-residenti b'forma ta' 'questionnaire'. Imbagħad wara ssir it-talba mal-Awtorita' kompetenti.

Dawn il-proposti jiġu diskussi aktar fid-dettal wara l-festi tal-Milied.

9.5 Is-Sur Dalli ħabbar ukoll li wara l-festi tal-Milied sejra issir ħarġa kulturali fejn inżuru Villa Francia u Palazz Verdala.

**10. AĠĠORNAMENT.**

10.1 Peress li ma kienx hemm aktar x'niddiskutu, il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.40pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss sejra ssir nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru fil-5.30pm.

10.3 Dawn il-minuti kienu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 14 ta' Diċembru 2009 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |